MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2011

Numru. 875/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Sammy David Vella bin John u Elizabeth nee' Spiteri imwieled fit-12 ta' April 1970 u residenti gewwa l-fond Flat 1, Triq ix-Xaghri , Nadur Ghawdex detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 514886(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi **SAMMY DAVID VELLA** li gie akkuzat talli fix-xahar ta' Mejju u/jew Gunju tal-2007 fir-Rabat u Munxar, Ghawdex:

1. saq ventura HAB 375 minghajr ma kellha il-licenza mgedda ghas-sena kurrenti mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta (Art 14(1), 22 A.L. 476/2004).

2. u aktar talli fl-istess okkazzjoni uza jew saq l-imsemmija ventura fit-toroq meta ghall-uzu ta' din il-vettura HAB375 minnu ma kenitx isehh polza ta'l-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. (art.3 Kap.104)

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwizti f'dina l-kawza huwa ippruvat minghajr l-ebda dubbju dettat mir-raguni illi l-vettura indikata fl-akkuza giet misjuqa mill-imputat meta dina ma kellhiex licenzja valida ghat-triq, kif ukoll meta ma kellha l-ebda kopertura ta' assikurazzjoni fuq l-istess. Jidher illi l-imputat kien impjegat ma' certu John Vella li fir-rigward ta' dina l-vettura, fost ohrajn, kellu ordni ta' infurzar mill-MEPA biex inaddaf il-yard tieghu u il-vettura mertu ta' dina l-kawza giet ikklampjata. Ghal xi raguni dawn il-clamps gew imnehhija u John Vella ta ordni lill-impjegat tieghu sabiex jiehu din il-vettura gewwa bitha ohra fil-Munxar. U l-imputat hekk ghamel fuq istruzzjonijiet li tah l-employer tieghu. L-imputat ighid illi huwa ma qaghdx jivverifika jekk it-trukk kellux licenzja u insurance.

Illi l-artikolu 3 sub inciz (1B) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:

"Tista' tinghata eccezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taht is-subartikolu (1), mill-akkuzat jekk igib prova li r-reat ikun sar minghajr ma huwa kien jaf bih u li jkun ezercita kull diligenza dovuta biex ma jhallix li r-reat isir."

Illi kif diga inghad iktar 'il fuq l-imputat segwa l-ordnijiet moghtija lilu mill-employer tieghu minghajr ma staqsieh jekk it-trukk setax jinsaq fit-triq. Fil-fatt kienet ir-responsabbilta' ta' John Vella illi jara li l-ebda wiehed mill-

impjegati tieghu ma isuq vettura jekk dina ma kelliex fis-sehh polza valida ta'l-assikurazzjoni. Illi kemm mix-xhieda ta' John Vella kif ukoll minn dik ta'l-imputat irrizulta illi l-imputat gie moghti ordni biex jiehu il-vettura f'yard ohra u huwa hekk ghamel. Il-Qorti ghalhekk fic-cirkostanzi ma tistax issib htija fl-imputat ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Illi madanakollu tali eccezzjoni ma hijiex prevista ghall-ewwel akkuza u ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta'l-istess.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolament 14(1), 22 u 51(7)(a) ta'l-AL 476 ta'l-2004 filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta'l-ewwel u tikkundannah multa ta' €100.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------